**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 95 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charles Farrugia**

Illum, 5 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charles Farrugia ta' 40 sena iben Lawrence u Mary Grace nee' Sciberras, imwieled l-Pieta fit-3 ta' Lulju 1978, residenti gewwa l-fond numru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita 321378 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fis-26 ta' Jannar, 2019 ghall-habta tas-sebgha nieqes ghaxra ta' filghaxija (18:50hrs) gewwa l-istabbiliment Miracle Foods, Triq il-Labour, Zejtun;

1. Ikkommetta serq, liema serq jammonta ghall-madwar 80 Euro ghad-dannu ta' Miracle Foods Limited u/jew Christopher Darmanin u/jew persuni ohra

U akkuzat ukoll talli fl-1 ta' Frar 2019 ghall-habta tal-hamsa neqes kwart ta' wara nofsinhar (16:45hrs) gewwa l-istabbiliment Miracle Foods, Triq il-Labour Zejtun;

2. Bil-hsieb li jikkommetti r-reat ta' serq semplici wera dan il-hsieb b' atti esterni u li ta bidu ghar-reat liema reat ma giex ikkunsmat minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

U akkuzat ukoll talli fis-27 ta' Frar, 2019 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00hrs) gewwa z-Zejtun:

3. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni ABP 287 tal-ghamla Renault Megane minghajr ma kienet kkopera b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju ghall-terzi u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap 104;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr mal-licenzja "circulation license" kienet mahruga minghajr awtorita kompetenti jew mgedda ghas-sena kurrenti u dan bi ksur tar-regolament 3 tal-Ligi Sussisdjajra 368.02;

U akkuzat ukoll talli fix-xahar ta' Jannar 2019 u Frar 2019:

5. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet datat 13 t' April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa' gewwa l-fond fejn jirrisjedi bejn il-hdax ta' billejl u s-sebgha ta' filghodu (23:00 – 07:00hrs) u cioe' l-fond nru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun;

6. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet datat 20 ta' Jannar, 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Anthony Vella LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa' gewwa l-fond fejn jirrisjedi bejn it-tmienja ta' filghaxija u tmienja ta' l-ghada filghodu (20:00 – 08:00hrs) u cioe' l-fond nru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun;

7. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet datat 10 ta' Jannar, 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa' gewwa l-fond

fejn jirrisjedi bejn l-ghaxra ta' filghaxija u sebgha ta' filghodu (22:00 – 07:00hrs) u cioe' l-fond nru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun;

8. U aktar talli nhar il-11 ta' Marzu, 2019 ghall-habta ta' 16:30hrs f' vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numru DAU 909 fi Zejtun nstabu ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu peress li gie kkundannat f' Malta ghal serq;

9. U aktar talli nhar il-11 ta' Marzu 2019 u fil-jiem ta' qabel fi Zejtun u/jew fil-Gzejjer Maltin nstabu hwejjeg li naqsu lil Janica Schembri miz-Zabbar u ma gharraftx bih lil Pulizija Ezekuttiva fi zmien tliet ijiem.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digrieti tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Charles Farrugia, kif ukoll tordna t-tliet somom ta' hamest elef Ewro (€5000) bhala garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba titratta ma' Charles Farrugia bhala persuna recidiv ai termini tal-Art 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 41 (1) (a), 284, 285 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 3 (1), 3 (1A), 3 (2) (a) u 3 (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3 tar-Regolamenti Dwar Ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar Ta' Vetturi Bil-Mutur LS368.02 l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2),tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu tnax (12)-il xahar prigunerija u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charles Farrugia minnu ipprezentat fit-30 ta' Gunju, 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent mhux hati tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-esponent hati tat-tielet (3), tar-raba'(4) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, thassar u tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u/jew, f'kaz li ma tilqax l-aggravji dwar il-mertu, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta.

Rat illi nhar is-7 ta Settembru 2020 l-appellant naqas li jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti u din l-Onorabbli Qorti ghaddiet biex tiddikjara dan l-appell dezert.

Rat ili nhar l-24 ta' Settembru, 2020 l-appellant pprezenta rikors sabiex jiggustifika in-nuqqas ta' attendenza tieghu l-Qorti ghas-seduta u dan stante li spjega li in-nuqqas tieghu kien zball amminsitrattiv illi ma kienx gie notifikat fl-indirizz indikat fir-rikors tal-appell .

Rat ir-rispota tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Settembru, 2020 fejn irregistra l-oggezzjoni tieghu sabiex dan l-appell jerga jigi appuntat mill-gdid

Rat is-sestenza preliminari taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-8 ta' Ottubru 2020, fejn irrevokat *contrario imperio* id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru, 2020 fejn kienet iddikjarat l-proceduri dezerti u ghalhekk ordnat li dan l-appell jerga jitqieghed fuq il-lista taghha.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti appellant prezentat fir-egistru ta' din l-Onroabbli Qorti nahr is-26 ta Ottubru 2020 fejn issottometta s-segwenti:-

*" Illi r-reati li dwarhom l-esponenti instab hati jikkoncernaw twettieq ta' xi reat li ghalih l-piena ma teccedix s-seba' snin prigunerija tant illi l-imputazzjonijeit jaqghu fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikolu 170*

*(1) (b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta lanqas ma huma imputazzjonijiet fost dawk imsemmija fl-artikolu 8 (2) tal-kap 537 tal-ligijeit ta' Malta.*

*Illi, minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu minn dak dispost fl-artikolu tmienja (8) tal-kap 537 tal-ligijeit ta' Malta.*

*Illi in effetti prezenzjalment l-esponent jinsab ben integrat fi hdan programm ghar-riabilitazzjoni tad-droga."*

Illi ghalhekk talab is-segwenti:-

1 Li din l-Onorabbli Qorti tisma x-xhieda necessarja sabiex jistabilixxi li huma sodisfatti l–kriterji stabiliti fl-artikolu 8 (2) tal-kap 537 tal-ligijeit ta' Malta.

2. Li din l-Onorabbli Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga skond kif previst fl-artikolu 8(1) tal-kapitolu 537 tal-ligijeit ta' Malta.

Illi nhar it-3 ta' Novembru, 2020 ir-rikorrenti assistit mill-avukat difesnur tieghu talab lil din l-Onroabbli Qorti tisma x-xhieda tal-probation officer Marilyn Formosa, Brian Camilleri in rappresentanza ta' Dar l-Impenn kif ukoll is-social worker Christy Catania. L-Avukat Generali irriserva il-posizjoni tieghu wara s-smiegh ta' dawn ix-xhieda.

Ikkunsidrat,

Illi nhar l-24 ta' Novembru, 2020 **Kirsty Catania** ħaddiema soċjali fi ħdan l-Addiction Community Team ġewwa s-Sedqa xehdet u kkonfermat li taf lir-rikorrenti Charles Farrugia. Tghid li saret tafu meta bdiet issegwih bejn Settembu u Ottubru tas-sena 2017 meta kien għadu kif lesta programm ġewwa Santa Marija. Kienet waqfet issegwih f'Ġunju tas-sena 2018 għax kien qata' l-kuntatt. Imbagħad regghet bdiet issegwih f'Mejju tas-sena 2019 wara li kienet irceviet referenza minn għandu stess u

kienet marret tarah il-ħabs. Wara l-kaz awtomatikament ġie allokat lilha peress li kienet gja tafu u setghet tkompli aħjar fuq il-każ.

Tispjega li l-problema principali kienet l-kwistjoni ta' abbuz ta' droga bażikament għaliex kien ilu għaddej u anke wara l-programm kien qisu reġa' waqa' u minn hemm baqgħu sejrin lura l-affarjiet.Tahseb li kien ilu xi hames snin ghaddej b'abbuz ta' droga. Qalet li mis-sena 2018 ir-ikorrenti baqa' ghaddej b'din il-problema minkejja li ma kienitx daqshekk evidenti ghaliex ma kienx jitkellem fuqha. Il-konsistenza ma kienitx taqbel mal-verżjoni tiegħu dak iż-żmien.

Tghid li minn meta bdiet issegwih meta kien ghadu l-habs għall-lum hemm kambjament għall-pożittiv għaliex kemm il-darba tkelmet miegħu ukoll u ddiskutiet l-vizzju tieghu u dehrilha li l-konsistenza saret ħafna aħjar u taqbel aktar ma' dak li qed jagħmel.

Mistoqsija jekk tafx jekk filfatt hux qed ighati xi kampjuni tal-awrina tiegħu, tghid li fil-prezent mhux qed jiehdu kampjuni tal-awrina ġewwa s-Sedqa pero' dan jista' jigi konfermat mill-kollega taghha Brian, ġewwa l-komunita'.

In kontro esami tispejga ahjar li hija segwiet lir-rikorrenti fuq zewġ fażijiet l-ewwel darba f' Settembru 2017 sa Ġunju 2018 imbagħad regghet bdiet issegwih mis-sena 2019 'l quddiem fuq talba tiegħu meta beda jagħmel progress, Mistoqsija x'kienet ir-raġuni li bdiet issegwih tghid li l-key worker tar-rikorrenti kien ġie trasferit u appuntu kien mexa mis-servizz u ghalhekk l-kaz gie jghajjat lilha. Tghid li kien gja lesta mill-programm. Qalet pero li imbaghad r-rikorrenti rega waqa' u fil-fatt daħal il-ħabs. Mis-sena 2019 sal llum baqghet issegwih kontinwament. Sa fejn taf hi baqa' jirregistra progress

Illi nhar l-24 ta' Novembru, 2020 xehed l- psikoterrapista **Brian Camilleri**. Qal li huwa inkarigat mit-tmexxija tal-Kommunita Santa Marija ta' Sedqa. Mistoqsi jekk jafx lir-rikorrenti jghid li jafu u jghid li r-rikorrenti ilu residenti maghhom ghal dawn l-aħħar tmien (8) xhur. Spjega li r-rikorrenti Charles Farrugia daħal fi Frar 2020, għamel l-ewwel xahrejn fl-ewwel fażi mbagħad baqa' għaddej ovvjament bil-

programm u issa qiegħed fit-tielet fażi. Mistoqsi jekk kienx beda l-programm minn rajh jew jekk kienitx xi ordni f'sentenza. Jghid li r-rikorrenti kien qiegħed il-ħabs dak iż-żmien pero' l-prgramm għamlu minn jeddu, spjega li l-għażla li tibda' programm trid tkun tiegħek u trid tkun waħda volontarja. Ikkonferma li beda l-programm fi Frar 2020. Għamel l-ewwel fażi kollha, t-tiena fażi kollha ta' sitt xhur u issa qiegħed fit-tielet fażi fejn beda jaħdem 3 ġimgħat ilu. Mistoqsi jekk ra xi progress jghid li l-progress huwa viżibbli. Spjega li l-fatt li Charles qiegħed f'pożizzjoni ħafna aħjar f'ħajtu, l-fatt li anke bħala behaviour ma ghandhom xejn negattiv xi ngħidu fuqu jiġifieri għal dawn l-aħħar 8 xhur ma għandhom l-ebda' diffikulta' bl-attitudni ta' Charles. Charles huwa persuna li kienu jafu ftit qabel ukoll u l-intenzzjoni tiegħu li jaħdem fuq id-difikultajiet tiegħu li għandu, barra fuq dik li tikkoncerna l-problema tad-droga jidhru li ghadhom hemm hekk. S'issa għadu magħhom u issa qiegħed f'fażi fejn irid jikkonferma dan kollu billi jibqa' *clean.* Fil-prezent joħroġ, jinsab f'fażi fejn jaħdem u *semi residenzjali.*

Mistoqsi jekk f'dan il-fazi jghamlulux testijiet tal-awrina, iwegeb li iva u jghid li apparti *urine test* jagħmlu *breathilizer* kull darba li hu jidħol lura mix-xogħol . Insista li huma iktar jghatu kaz il-progress li jkunu qed isegwu. Ikkonkljuda li l-urines tiegħu dejjem taw rizultat negativ ghall-presenza ta droga jiġifieri kienu ma għadux magħhom. Qal li dejjem kienu negattivi anke meta johrog mill-habs. Qal li dawn l-aħħar 5 xhur ir-rikorrenti joħroġ kważi kull weekend u issa jiżdiedu s-sigħat u anke qed jorqod lejl barra u issa jibdew jiżdiedu aktar ma jgħaddi żmien inqas jorqod il-komunita'. Diffikultajiet ma jidhirx li hemm s'issa, aħna l-aktar milli urines jagħtu każ ir-relazzjoni li għandhom miegħu u l-progress li jaraw.

Il-**Probabtion Officer Marilyn Formosa** xehdet nhar l-14 ta' Dicembru, 2020 u spjegat li ilha issegwi lil-appellant sa minn Jannar 2016 u dan b'mod kontinwu. Mistoqsija jekk r-rikorenti ghandux xi problemi partikolari tghid li ghandu problema ta' abbuz ta' droga. Tgjid li kien hemm zmien meta pprova jahbi din il-problema minkejja li kienet ghadha hemm. Illum ir-rikorrenti johrog jahdem kuljum. Tghid li r-rikorrenti kien gja pprova jidhol programm darb' ohra pero dakinhar kien ghamel hekk biex jipprova jehles mill-habs.

Din hija t-tieni darba li r-rikorrenti qed jipprova jibda programm sabiex jindirizza l-problema akuta tieghu ta'abbuz ta' droga u jidher li hu motivat u qed jiehu bis-serjeta l-kwistjoni sabiex jidhol u jibda terapija u b'hekk jiddilja bil-problemi tieghu. Irid verament jahdem fuqu innifsu.

Illi fis-seduta tal-14 ta Dicembru 2019 dehru l-partijeti li rrimettew ruhhom gghall-atto tal-process fir-rigward tat-talba odjerna ghal konveresjoni ghad Drug vourt.

Ikkunsidrat.

Illi l-**artikolu 8 tal-Kapitolu 537** tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi essenzjalment hames rekwiziti ghalbiex persuna li tkun mixlija b'reat tista' tkun elegibbli sabiex tigi ipprocessata minn Qorti dwar id-Droga.

1. Il-persuna akkuzata trid tkun mixlija b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga.

2. l-ammont ta' droga mertu tal-kaz ma jkunx jeccedi dak indikat fil-linja gwida li tinsab fir-Raba Skeda ghal Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3.. Ir-reat huwa attribwibbli sostanzjalment ghad-dipendenza tal-persuna akkuzata fuq id-droga u allura irid jigi stabbilit illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet tezisti din id-dipendenza.

4. Jekk ir-reat ikun wiehed taht xi ligi ohra u mhux dik dwar id-droga, dan ma jkunx wiehed fejn il-piena teccedi is-seba' snin prigunerija u ma ikunx reat volontarju kontra l-persuna jew inkella li r-reat ma jkunx gie imwettaq bl-uzu ta' armi regolari jew splussiv, u
5. Irid jigi ippruvat illi jezistu ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi rijabilitata mid-dipendenza taghha fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali biex tinheles minn din id-dipendenza.

Issa meta qorti tintalab tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga u tibghat l-atti quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, f'kaz li l-Bord jiddikjara lill-persuna akkuzata hielsa mid-dipendenza fuq id-droga, l-Qorti ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija biex b'hekk il-persuna misjuba hatja tibbenefika minn piena nqas gravuza u cioe' wahda alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni.

Illi meta gie ippromulgat l-Att I tal-2015, l-uniku qorti li kellha is-setgha tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga kienet il-Qorti tal-Magistrati u dan fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali. Illi l-bdil fil-ligi bl-Att XXXII tal-2018 bl-inkluzjoni *inter alia* tas-subartikolu gdid (6A) ghal-artikolu 8, din is-setgha giet moghtija ukoll lil qorti fi grad ta' appell minn decizjonijiet tal-qrati inferjuri.

F'dan ir-rigward jirrizulta bic-car li r-rikorrenti ma hux akkuzat bir-reati naxxenti mill-Ordinanza ta' Droga u ghalhekk l-provedimenti li l-ammont ta' droga m'ghandux jeccedi dak indikat fil-linja gwida li tinsab fir-Raba Skeda ghal Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ma isib l-ebda sostenn. Lanqas ma dan huwa l-kaz li hemm xi reat li huwa wiehed volontarju kontra l-persuna jew inkella li r-reat gie imwettaq bl-uzu ta' armi regolari jew splussiv. U lanqas ma jidher li huwa akkuzat b'xi reat li ghandu piena li teccedi s-seba' snin priġunerija. Ghalhekk sta ghar rikorrenti jipprova li r-reati li taghhom jinsab akkuzat sehhew ghaliex sostanzjalment huma attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat.

Ir-rikorrenti ressaq numru ta' xhieda jixhdu fosthom lil **Kirsty Catania** ħaddiema soċjali fi ħdan l-Addiction Community Team ġewwa s-Sedqa li kkonfermat li r-rikorrenti Charles Farrugia ilu ghadej b' din il-problema ta' abbuz ta' droga sa minn Ottubru tas-sena 2017. Ikkonfermat li kien hemm zmien meta ir-rikorenti kien jipprova jahbuha pero dejjem hemm baqghet. Il-**Probabtion Officer Marilyn Formosa** xehdet nhar l-14 ta' Dicembru, 2020 u spjegat li ilha issegwi lil-appellant sa minn Jannar 2016 u dan b'mod kontinwu. Ikkonfemrat li r-rikorrenti ghandu

problema akuta ta' abbuz ta' droga u baghet dejjem issewih. Xehed ukoll l-psikoterrapista **Brian Camilleri, i**nkarigat milli jmexxi l-Kommunita Santa Marija ta' Sedqa u kkonferma li r-rikorrenti illum jisna ghaddej programm ta dittossifikazzjoni u jinsab jirregistra progress. Qal li fil-fatt kien gja beda il-fazki li johrog mill habs ghax xoghol u li kien anke qed jithalla jorqod barra mill-konfini tal-habs. Ikkonferma li it-testijiet tal awrina li qed jittiehdulu kollha qed iaghtu rizultat negattiv ghall presenza ta' droga. Ghalhekk ma hemmx dubbju li r-reati li gew allegatament kommessi mir-rikorrenti sehhew fil-perijodu u meta kien mahkum mill-vizzju tad-droga u cioe fis-sena 2018. Jidher ukoll li r-rikorrenti gharaf li zbalja u fil-fatt qed jipprova jindirizza l-problema tieghu tant li qed isegwi programm u jinsab fl-ahhar parti tieghu. Spjega ukoll li wasal z zmien li sahansitra anke ser jtihalla jorqod barra mill-konfini tal habs.

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha takkolji t-talba rikorrenti biex tipprova tghinu jindirizza l-probelma akuta tieghu li s' issa jidher li qed jirregistra progress gewwa s Sedqa.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qiset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk qeda tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qeda tirreferi lill-persuna appellata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6 ta l-istess kapitolu 537 tal-ligijeit ta' Malta .

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur